MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Numru. 865/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Clayton Fenech**

**Josephine Grixti**

**Kumpilazzjoni Nru: 865/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Clayton Fenech** ta’ 25 sena, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 461189(M); u

**Josephine Grixti** ta’ 49 sena, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 534265(M).

Akkuzati talli fil-lejl, nhar il-21 ta’ Lulju 2014 ghal habta ta’ 01.00am gewwa Triq Testaferrata Ta’ Xbiex fil-Gzejjer ta’ Malta:

- minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-Robert Thomas Owen detentur ta’ Karta ta’ Identita’ Maltija 047495A kontra l-volonta’ tieghu;
- talli fi 21 ta’ Lulju 2014, minn fuq il-persuna, ikkommettew serq ta’ flus kontanti, ghad-detriment ta’ Robert Thomas Owen liema serq ma’ jeccediex l-ammont ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta’ Robert Thomas Owen u/jew persuni ohra liema serq u kwalifikat bil-hin u vjolenza;
- ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqaw ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew xort’ohra sabiex jindahlu biex jbieghu jew jmexxu;
- fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil Robert Thomas Owen biza li ser tintuza vjolenza kontrieh, meta kienu jafu jew messhom jafu li dik l-imgieba taghhom se jikkagunaw biza.

U nakkuza lil **Clayton Fenech wahdu**:-

- talli hedded u ngurja lil Robert Thomas Owen bi strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr ma darbu;
- u talli kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

U kif ukoll nakkuza lil **Josephine Grixti wahiedha** talli -

- talli f'Ta'Xbiex u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' 21 ta' Lulju 2014 ghall-habta tas-01.00am, f'post pubbliku jew f'post espost ghal-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;
- u aktar talli fl-10 ta' Settembru 2014, gewwa il-Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hin u cirkostanzi mhux maghrufa, ingurjat jew hedded jew ghamlet offiza fuq persuna inkarigata u cioe' lil WPS261 Donna Frendo, skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi fuqu jew jbezzaw kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna tal-istess ufficjal tal-Pulizija imsemmi fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- aktar talli fl-istess lok data, hin u cirkostanzi hebbet ghall-istess ufficjal pubbliku imsemmi sabiex tingurja jew tghamel xi hsara lill-istess ufficjal pubbliku u dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi moghtija lilha hekk mill-Pulizija jew ma hallitx jew fixklitu waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, jew b'xi mod bla jedd indahlet fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-korp tal-pulizija jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jaghmel u billi hassar jew gab fix-xejn dak l' il-membru tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kien ghamel u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- u aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi qalet kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- u aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi rrifjutat li taghti lil ufficjali pubbliku cioe' lil Pulizija lil WPS 261 li kien inkarigat minn dan is-servizz skond il-ligi waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra, u dan ai terminu tal-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- U kif ukoll nakkuzak talli hija kisret il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija min Magistrat Dr.Anthony Micallef Trigona LLD nhar 24 ta' April 2013 fejn hija kienet giet misjuba hatja ta' reat u lliberata taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin.

**Akkuzati ukoll** talli rrendew ruhom recedivi b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti gie mitluba biex f'kaz ta'htija tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemija Ufficjal Pubbliku tal-Korp tal-Pulizija kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra il-piena skond il-ligi tordna l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenza tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn tlett snin.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lill-persuna u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna jiffrekwenta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat llil-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali:

**A.** Fil-konfront ta’ l-imputat **Clayton Fenech** kif mahsub f’l-artikoli:

- 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 251(1), 251(2) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 261(a)(f), 262(1)(a)(b), 270, 275, 277(a) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
- 3(a), 6 u 51(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**B.** Fil-konfront ta’ l-imputata **Josephine Grixti** kif mahsub f’l-artikoli:

- 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 251(1), 251(2) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 261(a)(f), 262(1)(a)(b), 270, 275, 277(a) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 339(1)(d), 338(g), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
- 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg episodji li sehhew, wiehed fil-21 ta' Lulju 2014 il-Gzira u l-iehor f'l-10 ta' Settembru 2014 il-Marsa. Dwar l-ewwel incident ingiebu imputazzjonijiet komuni ghaz-zewg imputati, u imputazzjonijiet ohra fil-konfront ta' l-imputat Clayton Fenech wahdu. Minn dak li rrizulta lill-pulizija f'l-investigazzjoni dwar dan l-incident ingiebet imputazzjoni ohra fil-konfront ta' l-imputata Josephine Grixti wahedha. Fir-rigward tat-tieni episodju ngiebu imputazzjonijiet fil-konfront ta'l-imputata Josephine Grixti biss. Fir-rigward taz-zewg imputati ngiebu imputazzjonijiet ohra li huma konsegwenzjali ghal sejbien ta' htija f'xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet relatati ma'l-incidenti imsemmija.

Ikunsidrat

Illi ai termini tac-citazzjoni z-zewg imputati flimkien qed jigu addebietati b'sensiela ta' imputazzjonijiet in konnessjoni ma' incident li sehh nhar il-21 ta' Lulju 2014 fi Triq Testaferrata Ta' Xbiex u li gie rapportat lill-pulizija minn certu Robert Thomas Owen[1].

Illi pero mill-provi akkwzieti f'dan il-process jidher li l-incident li fih kien involut dan Robert Thomas Owen ma sehhx fi Triq Testaferrata Ta' Xbiex imma Triq Sir Ugo Mifsud Gzira.

[1] Dawn huma l-ewwel sitt imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat Clayton Fenech u l-ewwel erbgha imputazzjonijiet fil-konfront ta'l-imputat Josephine Grixti.

Illi fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti Owen ma jsemmiex isem it-triq fejn sehh l-incident li huwa rrakkonta, pero f'l-okkorrenza relattiva jidher li meta sar ir-rapport lill-pulizija gie indikat lilhom li l-incident sehh f'l-appartamenti b'l-isem Ideal Flats fi Triq Sir Ugo Mifsud[2]. Ghandu jigi rilevat li f'l-ewwel pagna ta' din l-okkorrenza "*incident address*" huwa indikat bhala "*Triq Testaferrata Ta Xbiex*", pero fil-parti narrattiva "*action taken*" hemm indikat hekk: "*reported to the police that while he was walking in Sir Ugo Mifsud Ta Xbiex, and he arrived near a block of flats by the name Ideal Flats...*".

Illi f'dawn il-proceduri tressqu d-diversi pulizija li b'xi mod jew iehor kienu involuti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Min fosthom irrefera ghall-post ta' fejn sehh l-incident indikah bhala Triq Sir Ugo Mifsud[3] f'appartamenti maghrufa b'l-isem Ideal Flats u fil-lokalilta tal-Gzira; dan jirrizulta li huwa l-indirirzz ta' residenza ta'l-imputat Clayton Fenech[4].

Illi fil-fatt il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li fil-21 ta' Lulju 2014 f'Testaferrata Street Ta' Xbiex ma gara xejn li fuqu huma bazati l-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'l-imputat Clayton Fenech u l-ewwel erbgha imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Josephine Grixti. Konsegwentement, u la darba jirreferu ghal fatti li graw fi Triq Testaferrata Ta' Xbiex, dawn l-imputazzjonijiet ma jistghux jirrizultaw kif dedotti.

Ikkunisdrat

Illi minbarra dawn l-imputazzjonijiet, l-imputat Clayton Fenech gie addebietat ukoll bir-recidiva; pero din l-imputazzjoni tiddependi fuq is-sejbin ta' htija f'xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu. La darba

[2] Fil-process hemm zewg kopji ta'l-okkorrenza esebieti: Dok CC5 a fol 38 u Dok DS1 a fol 97.
[3] WPC 261 Donna Frendo a fol 57 u fol 58; WPC Kimberly Camilleri a fol 63; PS90 Jeffrey Gerada a fol 65, a fol 105 u a fol 106; PC104 Raymond Caruana a fol 122 ; PC 817 Gareth D'Amato a fol 134; u PC123 Roderick Vassallo a fol 138.
[4] Fil-verita kien hemm ufficjal tal-pulizija wiehed li indika t-triq fejn sehh l-incident bhala Triq Testaferrata; dan huwa PS 778 David Sant (Depozizzjoni a fol 94).

huwa ma jistax jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet l-ohra lanqas dik dwar recidiva ma tista tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi b'rabta ma' dak li rrizulta lill-pulizija f'l-investigazzjoni dwar l-incident fuq imsemmi l-imputata Josephine Grixti giet addebietata bir-reat kontemplat f'l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta cioe tlajjar f'post pubbliku ai fini ta' prostituzzjoni (il-hames imputazzjoni migjuba kontra taghha).

Illi l-provi li fuqhom hija bazata din l-imputazzjoni huma l-istess provi prodotti in sostenn ta'l-imputazzjonijiet dwar l-incident li fih kien involut Robert Thomas Owen. Fil-verita l-uniku xhud in sostenn ta' l-imputazzjoni issa in ezami huwa l-imsemmija Robert Thomas Owen ghaliex ix-xhieda l-ohra (kollha pulizija) waslu fuq il-post wara li kien sehh kollox, u meta huma waslu l-imputata (u Clayton Fenech) ma kienux fuq il-post.

Illi Owen jirrakkonta li kien qed jirritorna lura mix-xoghol ghall-habta tas-siegha ta' filghodu meta mara li kienet qeghda barra fit-triq saqsietu ghal sigarett u anke offrietlu certu servizzi. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci dik il-parti tad-depozizzjoni[5] verbatim:

*Pros:* *Can say what was the reason that she was there this female?*

*Witness:* *There are various females on the street, I should imagine because this is a notorious psostitution site.*

*Pros:* *But did she offer you? .......*

[5] A fol 49 / 50 tal-process.

*Witness:* *She did offer but I refused. I just offered her a cigarette and I said that I wanted to leave.*

Illi skond il-verzjoni ta' Owen meta huwa gie biex jitlaq[6] Grixti talbietu flus, hu ma ridx jaghtiha flus, u kien f'dan l-istadju li ndahal l-imputat Fenech u nqala l-incident li wassal ghar-rapport lill-pulizija.

Illi *biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 irid jigi ppruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat ("loitered") jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ora. Tali prova tista' ssir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi, mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li jintqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil min tavvicina, u hafna cirkostanzi ohra*.[7]

Illi ntqal ukoll li biex jigi pruvat ir-reat in ezami huwa *bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li it-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f' xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-"circumstantial evidence" huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun*[8].

---

[6] Skond Owen wara li kien offrielha s-sigarett li kienet talbitu.
[7] Ref Il-Pulizija vs Mary Rose Vassallo Appell Kriminali 29.03.2006.
[8] Ref Il-Pulizija vs Michael Falzon Appell Kriminali 13.06.2002.

Illi tenut kont tal-post fejn kienet l-imputata Grixti meta raha Owen, tenut kont ta l-incident li nqala minhabba pretensjoni ta’ hlas da parti ta’ Grixti[9], tenut kont ta’ l-involviment ta’ l-imputat Fenech meta Owen irrifjuta li jghati flus lil Grixti, u dan kollu fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata, fil-fehma tal-Qorti m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li meta Owen ra lill-imputata Josephine Grixti fil-bieb ta’l-appartamenti fejn kien joqghod l-imputat Fenech hija kienet hemm ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni.

Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad li Owen ra lill-imputata fi Triq Sir Ugo Mifsud. Fil-provi migbura f’xi istanzi giet indikata bhala sitwata il-Gzira u f’xi istanzi giet indikata bhala Ta’ Xbiex. Skond il-hames imputazzjoni Grixti qed tigi akkuzata ***talli f’Ta’Xbiex u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer****, fil-lejl ta’ 21 ta’ Lulju 2014 ghall-habta tas-01.00am, f’post pubbliku jew f’post espost ghal-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali*.

Illi ghalkemm il-lokalita indikata f’l-imputazzjoni issa in ezami giet indikata bhala Ta’ Xbiex pero ma gietx limitata biss ghal din il-lokalita imma estieza ghal “*bnadi ohra f’dawn il-gzejjer*”. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputata ghandha tinstab hatja ta’l-imputazzjoni issa in ezami (cioe il-hames imputazzjoni) kif dedotta.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta’l-imputazzjonijiet numru tmienja sa tlettax l-imputata Grixti qed tigi addebietata b’sensiela ta’ reati in konnessjoni ma’ dak li gara f’l-10 ta’ Settembru 2014 fil-Marsa u/jew bnadi ohra.

[9] Ghalkemm Owen jiched li huwa accetta xi “servizzi” li offriet Grixti.

Illi mill-provi akkwizieti jirrizulta li wara l-incident li gara fil-21 ta' Lulju 2014 fil-Gzira, u peress li z-zewg imputati ma nstabux, kien inhareg mandat t'arrest fil-konfront taghhom. Gara li f'l-10 ta' Settembru 2014 meta xi pulizija mill-iskwadra ta' kontra l-vizzji kienu qeghdin fuq ronda il-Marsa, raw lill-imputata u ghalhekk procedew ghall-arrest taghha.

Illi WPS 261 Donna Frendo tirrakkonta li kienet xoghol fuq ronda il-Marsa u lemhet lil Grixti, ghalhekk nizlet mill-vettura tas-servizz biex tarrestaha. Malli ratha, Grixti telghet f'xi appartamenti u harget f'gallerija akkompanjata mill-imputat Clayton Fenech. Eventwalment Grixti niezlet u WPS 261 Frendo infurmatha li kienet qed tarrestha minhabba l-incident tal-Gzira. Ghal dan id-diskors Grixti bdiet tghid lis-surgent li din kienet imqabbda maghha. Sadattant lahaq wasal l-ispettur James Grech[10] fuq il-post; fil-vettura tieghu kien ser jittiehed l-imputat Fenech (li ukoll kien gie arrestat) fil-waqt li l-imputata Grixti kienet ser tittiehed fil-vettura ta' WPS 261 Frendo. Grixti ghall-ewwel ma riditx tmur f'l-istess vettura mas-surgent u anke bdiet tirrifjuta li ssirilha tfixxija fil-basket taghha. Meta kienu fil-vettura fi triqiethom lejn id-depot tal-pulizija Grixti bdiet thedded lis-surgent li ser tnezzalha l-uniformi u anke ghamlet moviment biex tipprova tohrog mill-vettura b'mod li s-surgent kellha zzommha. Meta mbaghad waslu d-depot Grixti bdiet tghajjat li meta s-surgent kienet stazzjonata l-ghassa tal-Belt kienet pruvat tmissha.

Illi l-kuntistabbli li kienet xoghol ma' WPS 261, cioe WPC 308 Kimberly Camilleri, tat id-depozizzjoni taghha ukoll. Hija kkonfermat li meta kienu l-Marsa fuq ir-ronda raw lil Grixti li da parti taghha ndunat bihom u dahlet f'xi appartament; Grixti mbaghad harget f'gallerija u sejhet lill-imputat Fenech li ukoll hareg fil-gallerija. Gie spjegat liz-zewg imputati li kellhom jinzlu minn hemm kif fil-fatt ghamlu. Meta niezlu z-zewg imputati gew infurmati li kienu qed jigu arrestati in konnessjoni ma'l-incident li kien sehh il-Gzira f'Lulju 2014. Grixti bdiet tirrifjuta li tidhol fil-vettura maghom u insistiet li kellha tmur fil-vettura ma' Fenech (li kien ittiehed fil-vettura ta' l-Ispettur Grech); Grixti anke irrifjutat li ssirilha tfixxija fil-basket li kellha. WPC 308 tkompli tirrakkonta li

[10] Li kien gie infurmat minn WPS 261 Donna Frendo b'dak li kien qed jigri.

meta kienu fil-vettura sejrin lejn id-depot Grixti bdiet thedded lil WPS261 Donna Frendo li ser tnezzalha l-uniformi u bdiet tghid hafna kliem hazin. Meta mbaghad waslu d-depot u hargu mill-vettura Grixti bdiet tghid lill-ispettur James Grech li meta s-surgent kienet stazzjonata l-ghassa tal-belt kienet *pruvat maghha*.

Illi l-Ispettur Grech xehed ukoll; hu kkonferma li malli waslul d-depot Grixti qalet dan id-diskors.

Illi f'l-istqarija rilaxxjata minn Grixti m'hemm l-ebda referenza ghal dan l-incident.

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami l-imputata Grixti qed tigi addebietata b'diversi reati:

- Li ingurjat u heddet ufficjal pubbliku waqt l-esekuzzjoni ta' xogholu; reati kontemplati f'l-artikoli 95 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (it-tmien u d-disgha imputazzjoni);
- Li m'obdietx ordni legittima tal-pulizija; reat kontemplat f'l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 (l-ghaxar imputazzjoni);
- Li kisret il-paci pubblika; reat kontemplat f'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 (il-hdax il-imputazzjoni);
- Li qalet dagha fil-pubbliku; reat kontemplat f'l-artikolu 342 tal-Kapitolu 9 (it-tnax il-imputazzjoni); u
- Li rrifjutat li taghti d-dettalji taghha lill-pulizija; reat kontemplat f'l-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 (it-tlettax il-imputazzjoni).

Illi dwar l-imputazzjonijiet issa in ezami ghandu jigi rilevat li hemm diskrepanza bejn l-imputazzjonijiet elenkati fic-citazzjoni u r-reati li jirrizultaw mill-artikoli kwotati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju. F'din in-nota l-artikolu 342 tal-Kapitolu 9 mhux kwotat ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tnax il-imputazzjoni.

Illi dwar l-imputazzjonijijet l-ohra, mid-depozizzjoni tal-pulizija koncernati f'dan l-episodju jirrizulta ampjament li l-imputata heddet u ghamlet ingurji fil-konfront ta' WPS 261 Donna Frendo, li kisret il-paci pubblika u li m'obdietx ordni legittima lilha mghotija. Konsegwentement it-tmien, id-disgha, l-ghaxar, u l-hdax il-imputazzjoni jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi l-ahhar imputazzjoni minn dawk issa in ezami (cioe it-tlettax il-imputazzjoni) pero ma tirrizultax stante li hemm l-ebda prova li f'xi hin l-imputata Grixti ntalbet taghti il-partikolaritajiet taghha u wisq anqas li rrifjutat li taghti dawn il-partikolaritajiet.

Ikkunisdrat

Illi fil-konfront ta'l-imputata ngiebu zewg imputazzjonijiet ohra u cioe li kkommettiet reat fil-perjodu ta' probation (is-sitt imputazzjoni) u li hija recidiva (is-sebgha imputazzjoni).

Illi in sostenn tas-sitt imputazzjoni giet prezentata sentenza datata 24 ta' Aprtil 2013 permezz ta' liema l-imputata, wara li nstabet hatja tar-reati hemm indikati, tpoggiet taht ordni ta' probation. Ghandu jinghad li f'din is-sentenza m'hemmx indikat ghal liema tul ta' zmien l-imputata kienet ser tkun taht l-ordni ta' probation.

Illi ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta persuna tista' titpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena pero mhux aktar minn tlett snin. La darba fis-sentenza fuq imsemmija ma giex specifikat il-perjodu ta' probation, tenut kont dak li jipprovdi il-Kapitolu 446, u b'applikazzjoni tal-principju in dubbio pro reo il-Qorti ma tistax tassumi li l-perjodu ta' probation impost bis-sentenza fuq imsemmija kien ta' aktar minn sena.

Illi la darba is-sentenza inghata fit-23 ta' April 2013 u l-Qorti ser ikollha tassumi li l-perjodu tal-probation ma kienx ghal aktar minn sena, u r-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata sehhew f'l-10 ta' Settembru 2014 ma jistax jinghad li dawn ir-reati gew kommessi fil-perjodu ta' dik il-probation. Ghalhekk is-sitt imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi in sostenn tas-sebgha imputazzjoni, dik dwar recidiva, gew prezentati diversi sentenzi mghotija fil-konfront ta' l-imputata. Permezz tas-sentenza datata 2 ta' Frar 2012 l-imputata giet kundannata sitt xhur prigunerija; ghalkemm din is-sentenza giet appellata fis-17 ta' Frar 2012 l-appell gie dikjarat dezert.

Illi r-reati odjerni gew kommessi fil-perjodu ta' hames snin indikati f'l-artikolu 50 ghalhekk l-imputata ghandha titqies bhala recidiva ai fini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9. L-imputata mhux qed tinstab hatja ta' serq ghalhekk l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 kwotat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizju mhux applikabbli.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata Grixti u l-fedina penali refrettarja taghha. Minn din il-fedina penali jidher bic-car li l-imputata Grixti qed jibqa tippersisti f'agir kriminuz minkejja diversi opportunitajiet li nghatat mill-Qrati biex hija tkun tista tirriabilta lilha nnifisha. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dawn ic-cirkostanzi l-unika piena li tista' taghti hija wahda karcerarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Clayton Fenech** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tnax il-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputata **Josephine Grixti,** u fil-waqt ma ssibx lill-imputata Josephine Grixti hatja ta'l-imputazzjonijiet numru wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, sitta u tlettax migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 338(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-istess imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet numru hamsa, sebgha, tmienja, disgha, ghaxra u hdax migjuba kontra taghha u taghhom tikkundannaha sitt xhur prigunerija u multa ta' elf Euro (€1,000).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------